MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 696/2011

**Socjeta' 360 Food Import Limited (C-46590)
Vs
Victor Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenut ghandu jhallas is-somma t' erba' u disghin ewro (€94) jew somma verjuri, rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas- 17 ta' Marzu, 2010 u tal-ittra legali tal- 20 ta' Lulju, 2011, u bl-imghax tat-8% fuq €94 mis-17 ta' Marzu, 2010 sal-hlas effettiv, inkluz €23.30 – konsult, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-3 t'Ottubru, 2012 iffirmat mill-Avukat Renato Cefai u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont t' erba' u disghin ewro (€94), rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut; bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas- 17 ta' Marzu, 2010 u tal-ittra legali tal- 20 ta' Lulju, 2011, u bl-imghax tat-8% fuq €94 mis-17 ta' Marzu, 2010 sal-hlas effettiv, inkluz €23.30 – konsult u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------